



Brussell, 15 ta' Ottubru 2019
(OR. en, fr)

12271/19
ADD 1

AGRILEG 159

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	D045385/06 - ST 11556/19
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda r-Regolament (UE) Nru 546/2011 fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq in-naħal tal-għasel - <i>Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni</i>

Dikjarazzjoni tad-delegazzjoni Franċiża

Franza tiegħu nota tad-deċiżjoni li l-Kunsill ħa llum li ma jopponix l-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament (UE) tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (UE) Nru 546/2011 fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fuq in-naħal tal-għasel. Kif indikat fil-proposta ta' oġġezzjoni tagħha, Franza tqis li d-dokument ta' gwida 2013 tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) għandu jiġi applikat b'mod aktar sħiħ kif ġie inizjalment propost mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, il-bidliet previsti mir-Regolament fis-suġġett mhumiex biżżejjed għall-għanijiet ta' protezzjoni tad-dakkara u l-prinċipji uniformi għandhom jirriflettu l-aktar metodi ta' evalwazzjoni u ta' deċiżjoni reċenti u approfonditi.

Franza opponiet dan l-abbozz ta' Regolament fil-Kumitat Permanenti tas-16 u s-17 ta' Lulju u pproponiet li l-Kunsill joġġezzjona għall-adozzjoni tiegħu fil-qafas tal-proċedura ta' regolamentazzjoni b'kontroll, għar-raġuni li mhuwiex konformi mal-oġettivi tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-att bażiku, għar-raġunijiet imperattivi tal-protezzjoni tad-dakkara fid-dawl tal-ġharfien xjentifiku u tekniku. Franza jiddispjaċiha dwar din id-deċiżjoni, minħabba li t-tnaqqis ta' dakkara huwa kwistjoni ewlenija għall-ħarsien tal-ambjent kif ukoll għall-produzzjoni agrikola.
